# L-Arċisqof Pietru Pace

San Pawl il-Baħar dejjem ta ġieħ lil kull min għamel xi ħaġa li 'l San Pawl il-Baħar ġabu 'l quddiem. Wieħed minn dawk li għamel ġieħ lil dan ir-raħal huwa bla dubju l-Arċisqof Pietru Pace li San Pawl il-Baħar qatgħu parroċċa, u jekk illum qed nagħamlu festa bħala parroċċa, għanda nafuħ lilu. Għalhekk illum xtaqt nagħati ftit ħjiel dwar min hu L-Eċċelenża Tiegħu Mons Pietru Pace.

L-Arċisqof Pietru Pace twieled f'Victoria Għawdex nhar id-9 t'April 1831 minn Franġisk Pace u Margerita xebba Stellini. Huwa ġie mgħammed fil-Parroċċa ta' San Ġorg Martri tar-Rabat, Għawdex. Ta' tfajjel kien fuq ruħu. L-iskola wera ruħu li jitgħallem malajr tant li ġibed l-attenzjoni ta' l-għalliema. Ix-xewqa li jilħaq qassis minn kmieni dehret fih, u diversi kienu dawk li urew ħerqa speċjali biex jgħinu liż-żagħżugħ fit-tagħlim tat-Taljan u l-Latin.

Meta daħal biex jistudja is-seminarju bagħatuħ jistudja Ruma. Fl-1852 kiseb id-Dottorat fil-Filosofija, u fl-1853, fil-ġurnata tas-17 ta' Diċembru huwa ġie ordnat saċerdot. Waqt l-istudji tiegħu f'Ruma huwa rebaħ midalja tad-deheb fil-lingwi orjentali u ngħata *"scholar-ship"* biex ikompli l-istudji tiegħu. Fl-1856 huwa kiseb Dottortat ieħor, din id-darba fid-Dirittu Kanoniku (il-liġI tal-Knisja) u fil-Liġi Ċivili.

Malli spiċċa l-istudji huwa nħatar segretarju tal-Kardinal Vincenzo SantuċċI (1796-1861) liema huwa jokkupal-kariga sal-1858. Kemm dam Ruma ġibed l-ammirazzjoni tal-Professur Giovanni Perrone, prefett ta' l-Istudji fil-Kulleġġ Ruman, li l-quddiem insibuha magħrufa bħala l-Università Pontifiċia Gregoriana.

Fl-1860 l-Isqof Gaetano Pace Forno (Isqof ta' Malta) sejjaħlu lura Malta u ħatru għalliem fis-seminarju tad-Djoċesi: Professur fit-Teoloġija dommatika u fis-Sagra Skrittura. Aktar tard ħatruh bħala għalliem fit-Teoloġija Morali fl-Università ta' Malta. Wara ftit żmien huwa ntagħżel ezaminatur fil-materja tat-Teoloġija fl-istess

Università; u fl-1875 l-Università ħatritu Professur tat-Teologija Morali.

Ta' min isemmi li matul dan iż-żmien, Dun Pietru Pace kien qed jaħdem bis-sħiħ favur il-kawża biex Għawdex jinqata djoċesi għalih. Il-ħbieb li kellu Ruma u l-Vatikan għaraf juzahom tajjeb biex ġab 'il-quddiem il-kawza ta' l-Għawdxin. Ta' min isemmi li daqqa t'id tajba taħielu Patri Franġiskan Konventwal: il-Malti P. Ġian Anton Bonelli OFM Conv. li kien prokuratur ta' l-Ordini u Kappillan tal-Basilika Santi Appostili f'Ruma. (ara P. Alessandro Bonniċi Programm Festa Immakulata Konċezzjoni Għawdex 1994). Issa min Malta seta ikompli x-xogħol b'aktar qawwa minn qatt qabel. Ix-xogħol li kien qed jagħamel fi-djoċesi ukoll kien ammirat minn ħafna. Il-Papa Piju IX fuq rakkomadazzjoni ta' ħafna ħatru kanoniku tal-Knisja Universali (1862).

Għawdex inqata Djoċesi għalih fil-1864, grazzi għax-xogħol sfiq u intelliġenti tal-Kanoniku Pietru Pace. Din il-ħidma tiegħu wkoll giet

*From a simple Birthday Cake to a Superb Wedding we give you the best*

la Buona Dolceria

**Valletta Road**
**Mosta**
**Tel: 431960**

**C. & A. SELF SERVICE**

Triq iċ-Cagħaq San Pawl il-Baħar

*(Near Topaz Hotel)*

FOOD STUFF,
CONFECTIONERY, MINERALS,
SPIRITS, FROZEN FOOD
TOILETRIES, STATIONERY
SWEETS

For all your Shopping requirements

**Free Delivery**

Tel: 57 68 27

rikonoxxuta f'Għawdex, għaliex meta Mons Mikiel Franġisk Buttiġieġ ġie maħtur l-ewwel Isqof ta' Għawdex, Pietru Pace inħattar mill-istess Isqof Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi. Huwa baqa jokkupa din il-kariga sakemm fl-1876 (Diċembru) huwa ġie maħtur Isqof ta l-istess Djoċesi .

Nhar it-8 t'April 1877 (lejliet il-ġurnata li kellu jiċċelebra għeluq 46 sena tiegħu) huwa gie ikkonsagrat Isqof mill E.T. il-Kardinal Edward Howard assistit mill-E.T. William G. McCloskey Isqof tà Louisville (USA) u l-E.T. Francesco Folicaldi, Isqof titulari ta' Efesus. Ħa l-pussess tad-Djoċesi ta' Għawdex ħmistax wara. Dak inhar Għawdex kien f'festa kbira. L-Isqof inġarr fuq karozzin tul Triq it-Tiġrija fir-Rabat, u ttieħed fil-Paroċċa ta' San Ġorg fejn bierek il-ġemgħa migbura. Wara zar 'il niesu u mill gallerija tad-dar sellem u kellem lil folla li ma riedet taqta b'xejn.

Bħala isqof t'Għawdex, Mons Pietru Pace kien ta' ġid kbir u ta' barka mis-sema. Billi kien bniedem magħaruf sew għall-kapaċitajiet tiegħu kullħadd kien jieħu ġost jaħdem miegħu u għaliħ. Ta' Għawdxi li kien, qalbu baqgħet dejjem ta' Għawdxi, u zgur li ħadd daqsu ma seta jifhem il-problemi kbar u l-ħtiġijiet ta' Għawdex u ta' l-Għawdxin.

Fi żmienu beda servizz rħis u regulari bil-baħar bejn Malta u Għawdex. Għawdex beda jirċievi aktar attenzjoni u mportanza anke mill-politiċi. Ir-Rabat kiseb il-ġieħ li jissejjaħ Victorja għar-Reġina billi kienet hi li tatu l-istat ta' Belt (1887). Ir-raħal ta' Kerċem nqata bħala parroċċa awtonoma. Huwa waqqaf l-Istitut Religjuz tas-Sorijiet tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesu" magħarufa bħala "Ta l-Istilla", bħala erwieħ ikkonsagrati lil Alla għall-ġid tal-Knisja u s-Soċjetà. Twaqqfu l-ewwel industriji bħal tal-bizzilla, u bit-tħabbrik tiegħu twasslet is-sistema ta l-ilma u d-drenaġġ sa l-irħula kollha tal-ġzira.

L-inteliġenza u l-prudenza tiegħu dejjem spikkaw fil-persuna ta' Mons Pace. Il-ħbieb li kellu Malta dejjem baqgħu jiftakru il-ħila straordinarja tiegħu, u bla tlaqliq nistgħu ngħidu li baqgħu jħossu n-nuqqas tiegħu. Għalhekk, meta miet l-Isqof Scicluna ħafna kienu dawk li

bdew jaħsbu li wasl iż-żmien biex Mons Pace jiġi maħtur Isqof ta' Malta. Il-gażżetti, Lord Strickland, il-gvernatur Lord John Lintorn Simmons u l-Kleru kienu kelma waħda. Għalhekk fl-1889 Mons Pietru Pace inħatar Isqof ta' Malta, u kien nhar it-22 ta' Lulju ta' l-istess sena meta huwa ħa l-pussess tad- Djoċesi. Huwa baqa jokkupa din il-Kariġa imbagħad sa mewtu, jiġifieri għal ħamsa u għoxrin sena sħaħ.

Fi żmienu Malta kellha tmintax il-Gvernatur ta' l-Imperu Ingliż, li tiegħu aħna konna niffurmaw parti bħala kolonja. U dawn kollha urew stima kbira lejħ, u hu lejhom. Fl-ewwel għaxar snin tas-seklu għoxrin huwa laqgħa fostna għal għaxar darbiet l-għola rjus tar-Renju Brittaniku. Imma l-iktar li tibqa mfakkra hi bla dubju dik tar-Re Dwardu VII meta fl-1909 ħatru *"Knight Commander of the Victorian Order" (KCVO).* Dak inhar l-Arċisqof ġie mfaħħar għal kapaċitajiet straordinarji tiegħu, għall-mod tat-tmexxija tad-Djoċesi, għall-ħila ta' kif Iħaddem l-ilsien Ingliz u għad-diplomazija intelligenti u l-ġid li kien qed jagħamel lil pajjiz. Veru kien kapaċi jagħati lil kulħadd dak li hu tiegħu, u jimxi b'dinjità kbira.

Ma jistax ikun li msemmux meta f'April ta' 1902, fl-okkazjoni tal-25 anniversarju ta' l-ordinazzjoni Episkopali tiegħu f'Malta nzammu jumejn ta' festa. Il-gvern Ingliz iddikjara dawk il-jumejn bħala btala, u festa nazzjonali. It-toroq tal-Belt Valletta iżejnu għal ta' l-apposta u vera kien hemm vena ta' festa. Il-baned daqqew fil-pjazez ewlenin tal-belt, u kif jista' jkun li ma nsemmux l-ikla speċjail li saret fil-kunvent li l-Isqof jagħati lil fqar. U Għawdex ma kienx bin-nieqas għax nhar it-8 t'April, lejliet l-ikla ta' Malta saret waħda simili għall-foqra fil-kuridur tal-Kunvent tagħna. Kienu preżenti ħamsin, u l-Isqof ***"in persona"*** kien f'nofshom.

Imma l-ħidma episkopali ta' Mons Pietru Pace ma kinietx biss ta' ġid materjali. Biżżejjed insemmu t-tħejjija kbira li saret biex fl-1913 seta jiġi ċċelebrat l-24 Kungress Ewkaristiku Internazzjonali f'Malta. Kullħadd baqa mpressjonat bil-gid spiritwali li ħalla anke fi gżiritna.

Hekk ikkummenta *il-Maltese Herarld* tad-29 ta' Lulju 1914, meta tħabbret il-mewt tiegħu.

Fil-11 ta' Frar ta' l-1914 reġgħu saru ċelebrazzjonijiet kbar biex ifakkru il-25 anniversarju ta' minn meta nħatar Arċisqof ta' Malta. F'din is-sena l-Arċisqof għalaq 83 sena. Kien fil-bidu tas-sajf meta Mons Pace ħassu ma jiflaħx, u rtira għall ftit Għawdex, għand neputih kif kien iħobb jagħmel, biex jerġa jieħu saħħtu.

Hemm, fi Triq Konservatorju numru 45, faċċata tal-pjanura u l-wied ta' Marsalforn li kien iħobb jitgħaxxaq biha u kien tant iħossu jistrieħ. Izda din id-darba ma tantx ħassu jmur għall-aħjar. Saħtu baqgħet sejra lura sakemm nhar id-29 ta' Lulju f'dik id-dar huwa miet.



Huwa xtaq li jkollu funeral sempliċi, iżda kemm l-Isqof, il-kleru, n-nies u l-awtoritajiet ċivili riedu li jagħatuh tislima ta' l-aħħar mill-aktar xierqa. Għalhekk il-funeral sar nhar il-31 ta' Lulju lejn il-Katidral ta'

Għawdex fejn imbagħad wara tislima solenni ġie midfun u hemm għadu jinsab sa llum.

Għawdex f'Mons Pietru Pace kellu iben u benefattur kbir. Maħbub minn kull min jafu, mill għola sa l-iċken persuna. It-tifkira żgur tibqa ta' bniedem onest, saċerdot kapaċissimu u iben dehen ta' Għawdex mill-inħawi ta' wara San Franġisk.

**P. Ġorg Attard OFM Conv**
**San Pawl il-Baħar**

## *Referenżi*


*AA: Photo-Guide to The Cathedral: A Suppliment of Heritage; Malta 1982*

*Abela A.E.: mgr Pietro Pace; artiklu f "The Sunday Times of Malta" 31-7-1994 pp36-37*

*Bezzina Joseph: Religion and Politics in a Crown Colony: The Gozo-Malta Story 1798-1864. Malta 1985*

*Bonnici Alexander OFM Conv: Meta l-Isqof Buttiġieġ ried iwarrab minn Għawdex lill-Franġiskani Konventwali; Programm tal-Festa 1994 pp.9-13.*



